MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 230/2002/1

**Charlon Gatt**

**vs**

**Jennifer Connie Magri, Simon Elmer u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2002, l-istess Jennifer Magri giet nominata bhala kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-minuri Calvin Manwel Andrea Gatt.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta Jennifer Connie Magri, mart l-attur, kellha tarbija cjoe` tifel li twieled fis-26 ta' Awissu 2001 u li nghata l-ismijiet Calvin Manwel Andrea (Dok "A");

Illi l-istess attur u l-imsemmija martu sseparaw legalment in forza ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Rachel Mallia fis-6 ta' Gunju 2001;

Illi l-attur u martu kienu tterminaw kull koabitazzjoni bejniethom sa minn Novembru tas-sena 2000;

Illi t-tarbija Calvin Manwel Andrea, fuq imsemmija, m'hijiex il-wild ta' l-attur izda l-frott minn relazzjoni li martu kellha mal-konvenut Simon Elmer;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Calvin Manwel Andrea Gatt, bin il-konvenuta Jennifer Connie Magri, u li jidher registrat fl-att tat-twelid bin-numru 3427 ta' l-2001 kif fuq jinghad, m'huwiex iben l-attur; u

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-konvenut Simon Elmer minn relazzjoni li sehhet bejn dan il-konvenut u l-konvenuta Jennifer Connie Magri;

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenuta Jennifer Connie Magri giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (a tergo ta' fol. 8 u fol. 9), hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci;

Rat li l-konvenut Simon Elmer gie notifikat bic-citazzjoni attrici fil-11 ta' Gunju 2002 izda ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' wkoll kontumaci.

Rat ir-rikors ta' l-attur tas-26 ta' Frar 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri;
Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta' Marzu 2002 fejn permezz taghha accettat li tirrapprezenta lill-minuri fl-atti tal-kawza;

Rat id-digriet tat-12 ta' Marzu 2002 fejn giet nominata Jennifer Magri bhala kuratrici sabiex tirrapprezenta lill-istess minuri.

Rat il-verbali tat 23 ta' Mejju 2002, tas-26 ta' Gunju 2002; tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn giet nominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju; ta' l-20 ta' Frar 2003; tas-7 ta' Mejju 2003 u tat-3 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 23 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota ta' l-attur tad-29 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, tal-konvenuta Jennifer Connie Magri u ta' Audrey Cefai;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attur** xehed bil-procedura ta' l-affidavit fejn sostna:-

*"Illi kien ilna mizzewgin xi erba' snin meta fi Frar ta' l-2000 jiena sirt naf li marti Jennifer kellha relazzjoni ma' persuna ohra. Dak iz-zmien ahna konna noqoghdu mal-genituri tal-mara tieghi. Wara dan ahna ddecidejna li naghmlu separazzjoni bonarja u f'Ottubru 2000 jiena bdejt relazzjoni ma' terza persuna. Minn dak iz-zmien 'il quddiem ir-relazzjoni tieghi ma' marti kienet biex nghid*

*hekk wahda formali biss, sakemm hi kriet flat u marret toqghod fih fit-tieni gimgha ta' Novembru. Jiena ma kellix x'naqsam ma' marti fiz-zmien in kwistjoni, u dan ghal minn ta' l-inqas fl-ahhar gimgha. L-ahhar relazzjoni li kellna niftakar li kienet fl-ewwel gimgha ta' Novembru 2000".*

*Illi jiena bqajt noqghod fid-dar tal-genituri taghha ghal xahar iehor sakemm fl-ahhar irnexxieli nsib flat f'Tas-Sliema u mort noqghod fih wahdi. Fl-ahhar gimgha ta' Dicembru 2000 sirt naf li l-mara tieghi kienet harget tqila. Hi qalet li t-tabib kien qalilha li kellha tliet gimghat tqala dak iz-zmien u ahna qbilna li t-tarbija zgur li ma setghetx kienet tieghi. Hi anke ftakret il-gurnata ezatt ta' meta setghet harget tqila, minn relazzjoni li kellha ma' certu Simon Elmer, li kien l-istess persuna li kien kellha relazzjoni mieghu qabel.*

*Illi ahna konna niltaqghu matul Novembru u Dicembru 2000, pero` dejjem konna niltaqghu fil-pubbliku u biss ghax kien ikun hemm bzonn, specjalment biex niddiskutu dwar is-separazzjoni legali, li giet finalizzata fil-Qorti fis-6 ta' Gunju 2001.*

*Illi wara dan iz-zmien jiena ma tantx kont niltaqa' mal-mara tieghi sakemm welldet f'Awissu, 2001, u qaltli li sabet diffikultajiet biex tirregistra t-twelid ta' binha. Jiena sirt naf li legalment jiena kont ghadni maghruf bhala l-missier peress li fiz-zmien tal-koncepiment tat-tarbija konna ghadna mizzewgin."*

Illi l-**konvenuta Jennifer Connie Magri** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena u l-attur Charlon Gatt izzewwigna fis-6 ta' Jannar 1996. Fil-bidu tas-sena 2000 l-affarijiet bejnietna ma kenux sejrin daqstant tajjeb u ghalkemm ippruvajna nirrangaw, ma rnexxilniex nirrangaw u eventwalment fi-ahhar ta' Ottubru tas-sena 2000 iddecidejna li nisseparaw. Ftehemna fuq kif se naqsmu l-affarijiet li kellna bejnietna u wasalna biex iffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni bonarja fis-6 ta' Gunju 2001.*

*Illi fl-ewwel gimgha ta' Novembru ahna informajna lill-ġenituri taghna li se nisseparaw u li m'ahniex se nghixu aktar fid-dar tal-ġenituri tieghi fejn konna qeghdin noqoghdu dak iz-zmien. Jiena mort noqghod mal-habiba tieghi Audrey Cefai fi flat mikri f'Amery Street, Sliema fit-tieni gimgha ta' Novembru. Charlon ma rnexxielux isib flat mill-ewwel, u ghalhekk huwa baqa' joqghod mal-ġenituri tieghi ghal gimgha ohra sakemm sab u mar joqghod fi flat li jigi wara l-Burger King f'Tas-Sliema.*

*Illi meta jiena issetiljajt fil-post il-gdid, jiena kkuntattjajt lil Simon Elmer, ezattament fit-3 ta' Dicembru. Lil dan Simon jiena kont niltaqa' mieghu ghal xi zmien fil-bidu tas-sena. Huwa gie jarani dak in-nhar stess, u ahna bdejna relazzjoni bejnietna mill-ewwel. Simon kien jigi jarani u kien jibqa' mieghi anke matul il-lejl. Fl-ahhar ta' Dicembru t-Tabib qalli li kelli tliet gimghat tqala.*

*Illi jiena mill-ewwel informajt lil Simon b'dan u ghalkemm hu baqa' jigi jarani kultant, kemm f'Amery Street u anke aktar tard fil-flat tieghi f'Hal Qormi, iz-zjarat tieghu bdew jonqsu dramatikament. Kien hemm zminijiet meta hu accetta l-fatt li kien se jkollna tarbija u ddiskutejna affarijiet bhal isem ghat-tarbija u kif kien se jkun, u kien hemm ukoll zminijiet meta hu ma kienx irid jitkellem fuq dawn l-affarijiet. Barra minn hekk, huwa dejjem heddidni li jekk jiena nghid lil xi hadd li t-tarbija hija tieghu huwa jitlaqni u li jekk jiena nghid lill-familja tieghu jew lil hbiebu huwa jaghmel affarijiet li mhux sewwa. Din hija r-raguni ghala ftit kienu dawk li kienu jafu li Simon huwa l-missier tat-tarbija. Ilum ghad hemm hafna li ghadhom ma jafux il-verita`, nkluz ommu. Meta kelli seba' xhur tqala, hu gie jarani u tani Lm40 halli nkun nista' nixtri pushchair. Hu qatt ma rega' gie jarani qabel ma jiena wellidt lit-tifel taghna Calvin. Huwa ma kienx involut waqt it-twelid u lit-tarbija raha biss meta kellha diga seba' gimghat. Illum Calvin ghandu sena u xahar u Simon ra lil ibnu darbtejn biss. Ghalkemm jiena niltaqa' ma' Simon minn xi daqqiet, hu qatt ma jsemmi lit-tifel.*

*Illi jiena ghadni nkellmu lil Charlon, ghalkemm mhux ta' spiss. Ahna niltaqghu meta jkollna bzonn nitkellmu fuq*

*affarijiet konnessi maz-zmien li ghamilna flimkien qabel. Sa fejn naf jien meta Charlon mar joqghod fil-flat tieghu f'Novembru 2000 hu kien qed johrog ma' tfajla, u ghal din ir-raguni li l-laqghat li kelli mieghu kienu ta' natura formali, dejjem fil-pubbliku u qosra u kienu jsiru biss meta kien jinqala' l-bzonn.*

*Illi jiena m'ghandi l-ebda dubju li missier ibni huwa Simon, l-ewwel nett ghaliex hu kien l-uniku ragel li mieghu jien kien ikolli relazzjonijiet sesswali u t-tieni ghaliex l-ahhar darba li jiena rqadt ma' l-ex-ragel tieghi Charlon kien zmien qabel ma konna ddecidejna li nisseparaw."*

Illi **Audrey Cefai** fl-affidavit taghha tghid:-

*"I am a close friend of defendant Jennifer Magri.*

*Jennifer and I rented a flat in Amery Street, Sliema. Jennifer moved out of her parents' house after she decided she wanted to get a separation. After just a few days in this flat one night the phone rang and I answered it. It was a friend of Jennifer's named Simon Elmer who she always mentions a lot. On the same night he came over to the flat and spent the night. After that night Jennifer told me she was seeing this Simon again and he came to visit her the night after and on several other occasions. He always stayed for the night except for the night she informed him of the pregnancy. We did sleep in separate bedrooms however I can confirm that he used to stay the night because I always met Simon in the morning for coffee. I was also there when Jennifer did a pregnancy test and discovered she was pregnant. She immediately told me that Simon was the father and she never had any doubts about this. On the evening when she did the test she called Simon and he came to the flat. He was informed about the situation and Jennifer told me that he asked her if she wanted to keep the baby or if she wanted to abort. Jennifer decided she wanted to keep the baby. On that night Jennifer was exhausted and she slept. Simon stayed for a long time in the kitchen alone in the dark. As I said before Simon visited on several other*

*occasions and he was always nice towards me however they never discussed this baby issue before me.”*

## ii) **PRINCIPJI LEGALI.**

Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Calvin Manuel Andrea Gatt li giet registrata b’kunjom l-attur tigi dikjarata li mhix iben l-istess attur *stante* li huwa ma huwiex missierha u fil-fatt qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali ta’ l-attur bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid ta’ l-istess tarbija Nru 3427/2001.
Illi l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:

*“(1) Ir-ragel jista’ jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega’ nghaqad ma’ martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b’impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista’ wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x’aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta’ l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista’ f’kawza ghac-cahda ta’ l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz. Il-Qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet.”*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta’ denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta’ l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni inghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952 li:-

*“Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita’ hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu."*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-

azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita’ jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta’ iben legittimu ma jista’ jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta’ iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta’ l-istess stat li jaqbel ma’ tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta’ iben jew bint li skond l-att ta’ twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta’ twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta’ legittimu.

Illi l-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu skond l-**artikolu 80** *“stabbilit minn gabra ta’ fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta’ filjazzjoni u ta’ demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f’dik il-kwalita’ haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja”.*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **“Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et”** (PA.RCP 26 ta’ Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta’ l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *“nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** tal-pussess ta’ stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie*

*registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-

ismijiet “**Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et.”** deciza fil-21 ta’ Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta’ paternita’ li huwa fattwalment konformi ma’ l-istess certifikat tat-twelid.

Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta’ repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (RCP 10 ta’ Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero’ n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta’ *“boghod”* u *“impossibilita’ fizika”* imsemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara “**Ronald Bray vs Charmaine Bray**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 1997 u “**Spiteri vs Cilia**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawn il-principji huma “**Antonella Bartolo vs Paul Fava**” deciza fit-30 ta’ Jannar 1998, “**Miriam Salerno noe. vs Joseph Salerno et**” deciza fil-15 ta’ Settembru 1998, u “**George Grech vs Nazzareno Grech et.”** deciza fit-30 ta’ April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi “**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (P.A. RCP deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**” deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. RCP 10 ta’ Novembru 1999); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** (P.A. RCP deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); “**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. RCP deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi in effetti din il-kawza ta’ *denegata paternita’* saret *ai bazi* ta’ l-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt, u *di piu`* a bazi ta’ l-interpretazzjoni fuq moghtija ghall-artikoli ohra ta’ l-istess Kap, din l-istess

interprettazjoni ghandha tinghata ghall-**artikolu 70 (1) (a) u (d) ta’ l-istess Kap 16.**

Illi tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni saret mir-ragel ta’ l-omm abbazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jidher li dawn il-principji jinsabu kkonfermati mid-dispozizzjonijiet 1 (a) (b) (c) (d) ta’ l-istess artikolu u anke mid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jimponi terminu meta l-istess ragel, u ghalhekk l-attur f’din il-kawza jista’ jaghmel din l-azzjoni.

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista’ jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f’dak iz-zmien kien jinsab f’Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dakinhar li jigi lura f’Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-**artikolu 70** maghdud ma’ l-**artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli meta l-minuri ‘n kwisjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita` mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

### iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi stabbilit il-premess mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konjugi Charlon u Jennifer Gatt kienu ilhom separati *de facto* minn Novembru tas-sena 2000 peress li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali u marret tghix fi *flat* ma’ habiba taghha, Audrey Cefai, ghalkemm kien biss fit-6 ta’ Gunju 2001 li l-istess konjugi Gauci sseparaw

legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 6 ta’ Gunju 2001.

Illi in fatti mill-provi prodotti jirrizulta car li fizikament l-istess minuri qatt ma jista’ jkun kkunsidrat bhala l-iben naturali tal-attur stante li l-istess attur kien f’impossibilita’ fizika li jikkonceppixxi l-istess tarbija mal-konvenuta, u dan huwa msahhah mill-fatt li fit-termini indikati mill-ligi l-attur qatt ma kellu x’jaqsam mal-konvenuta, kien jghix separatament minnha, u fil-fatt l-attur sar jaf li l-konvenuta harget tqila biss wara li hija kienet informatu.

Illi *di piu’* hemm l-ammissjoni tal-konvenuta bhala omm li hija qalet bl-aktar mod palez li hija kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor fil-perjodu relavanti ghall-koncepiment tal-istess tarbija, u l-omm ma halliet l-ebda dubju li l-istess tarbija b’hekk qatt ma setghet kienet il-frott ta’ relazzjoni ma’ l-attur, li mieghu kienet qatghet kull legami u kull kuntatt. Dan huwa imsahhah ukoll mix-xhieda ta’ Audrey Cefai fejn din ikkoroborat sa l-inqas dettal u ghal dak li huwa relevanti f’din il-kawza ir-relazzjoni tal-konvenuta ma din it-terza persuna u ghalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jidher li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, fis-sens li l-attur jigi dikjarat li ma huwiex il-missier naturali ta’ l-istess minuri.

Illi sabiex waslet ghal din il-konkluzjoni din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-istess minuri qatt ma gawda minn stat ta’ iben legittimu ta’ l-attur u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-istes attur mhux biss qatt ma ha hsieb l-istess minuri, izda fuq kollox li l-istess attur, qatt ma kellu kuntatt ma’ l-istess minuri u *nonostante* dak li hemm fic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmi wild, l-istess minuri qatt ma trabba bhala iben naturali ta’ l-istess attur, anzi jirrizulta li l-konvenuta hija konvinta, u hekk rabbiet lill-istess binha bhala wild tal-konvenut l-iehor, ghalkemm jidher li l-istess konvenut Simon Elmer ghadu sa llum ma hax ir-responsabilitajiet ta’ missier ta’ l-istess tarbija.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher ukoll li l-konvenuta qabel l-istess twelid ta’ l-imsemmija tarbija kellha relazzjonijiet intimi biss mal-konvenut Simon Elmer, u dan mill-provi

prodotti jidher li gie definittivament stabbilit bla ebda kontradizzjoni.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, jirrizulta li l-minuri ndikat fic-citazzjoni attrici mhix it-tarbija ta’ l-attur, u ghalhekk anke *in vista* tal-fatt li l-azzjoni attrici prezentata fis-26 ta’ Frar 2002, saret fit-terminu ndikat fl-**artikolu 73 (a) tal-Kap 16**, it-talbiet attrici kif proposti ghandhom tigi milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti kollha, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri, Calvin Manwel Andrea Gatt, bin il-konvenuta Jennifer Connie Magri, u li jidher registrat fl-att tat-twelid bin-numru 3427 ta’ l-2001 kif fuq jinghad, m’huwiex iben l-attur u tordna li abbazi ta’ din is-sentenza jsiru l-korrezzjonijiet appositi fl-att ta’ twelid ta’ l-istess minuri b’dan li l-istess attur ma jibqax jigi indikat bhala missier l-istess minuri; u

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-konvenut Simon Elmer minn relazzjoni li sehhet bejn dan il-konvenut u l-konvenuta Jennifer Connie Magri u tordna li l-istess Simon Elmer jigi indikat fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri bhala l-Missier ta’ l-istess minuri;

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta’ l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** u b’dan ukoll li l-attrici ghandha tikkonsenja lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kopja formali tac-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmi Simon Elmer u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess konvenuta, Jennifer Connie Magri proprju u minn Simon Elmer, *stante* li ma jirrizultax, li tali zball u necessita’ ta’ bdil ta’ l-istess certifikat, a bazi tal-provi fuq prodotti, kienu mputabbli ghal xi raguni lill-attur u lill-minuri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------